# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 13 ta' Marzu, 2017**

**Talba Nru: 524/2016PM1**

**Electrofix Energy Limited**
**(C46349)**

**Vs**

**GMF Precast Limited**

**(C11521)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-17 ta' Novembru, 2016 illi s-socjeta` konvenuta ghandha thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf, mija u erbgha u erbghin euro u sittin centezmi (€1144.60) rapprezentanti prez ta' 'metallic enclosures', 'C/W MCCB 400A', 'Trip Unit' u 'Cable Labout' flimkien mal-konsenja tal-istess liema xoghol sar fuq inkarigu tal-kumpanija konvenuta stess bl-ispejjez.

Ra r-risposta datata 29 ta' Novembru, 2016 permezz ta' liema l-istess socjeta' intimate eccepiet li t-talba hija kontestata fl-ewwel lok peress li hija preskritta a tenur tal-art. 2149 tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta) u li, fi kwalunkwe kaz, l-ebda ammont m'hu dovut u dana ghaliex kwalunkwe xoghol li sar wara l-ewwel stallazzjoni fl-2010 sar minhabba nuqqasijiet fl-apparat mibjugh u nstallat mir-rikorrenti stess liema nuqqasijiet irrekaw danni konsistenti f'konsum tal-elettriku ghola meta l-prodott mibjugh kellu jaghmel proprju l-kuntrarju u ghalhekk ebda pagament m'hu dovut.

Ra skond il-verbal datat 13 ta' Jannar, 2017 it-Tribunal ordna l-inverzjoni tal-provi fir-rigward tal-ewwel eccezzjoni preliminari tal-preskrizzjoni imressqa mis-socjeta' konvenuta.

Ra l-affidavit ta' Maria Brincat bid-dokumenti annessi (fol 10 et. seq. tal-process).

Ra l-affidavit ta' Joseph Schembri bid-dokumenti annessi (fol. 46 tal-process).

Sema' l-kontro-ezamijiet relattivi u t-trattazzjoni orali tad-difensuri legali tal-partijiet.

Ra li, permezz tal-verbal datat 1 ta' Marzu, 2017, il-kawza giet differita ghad-decizjoni dwar l-eccezzjoni preliminari tal-preskrizzjoni imqanqla mis-socjeta' konvenuta a tenur tal-art. 2149(c) tal-Kodici Civili.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ikkunsidra

Illi jirrizulta illi s-socjeta intimata qieghda tqajjem, bhala difiza preliminari illi dwarha ser tiddeciedi llum il-Qorti, l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni abbazi tal-Artikolu 2149 tal-Kodici Civili. Waqt it-trattazzjoni orali gie kjarifikat mid-difensur tas-socjeta' konvenuta li, b'mod partikulari d-dispost applikabbli ghall-kawza odjerna huwa dak tal-art. 2149(c) tal-Kodici Civili, liema artikolu jipprovdi li:

> "*L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' sentejn:*
>
> ...
>
> *(c) l-azzjonijiet tal-avukati, prokuraturi legali, nutara, arkitetti u* ***inginieri civili u persuni oħra li jezercitaw professjonijiet jew arti liberali oħra għad-drittijiet tagħhom u għall-ispejjez li jkunu għamlu****;*" (enfazi mizjuda)

Illi ukoll matul it-trattazzjoni orali tieghu id-difensur tas-socjeta' intimata irrefera ghad-decizjoni fl-ismijiet 'Agilis6 Limited v. Inside Out Company Limited' moghtija mill-Onor. Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-14 ta' Lulju, 2016 u kif ukoll ghal dik moghtija mill-Onor. Qorti tal-Appell (Inferjuri) datata 6 t'Ottubru, 2010 fil-kawza fl-ismijiet 'Seasus Limited vs Francesco Fenech Ltd' u permezz tal-istess argumenta li l-art. 2149(c) tal-Kodici Civili huwa proprju dak applikabbli ghall-preskrizzjoni tal-kaz in ezami stante li f'dan il-kaz ukoll ix-xoghol li ghalih qed jintalab il-hlas kien jinvolvi prestazzjoni ta' attivita intellettwali, bhalma hu 'software', u mhux is-semplici konsenja ta' oggetti.

Illi s-socjeta' attrici ma kkontestatx illi dan huwa d-dispost applikabbli ghall-kaz in ezami u fil-fatt jirrizulta li l-apparat stallat elenkat fl-istess avviz u li, fir-rigward tieghu, qed jintalab il-hlas, ghandu min-natura ta' programm intiz sabiex jirriduci l-konsum tal-elettriku oltre minn apparat iehor intiz ghall-konnessjoni tal-istess u x-xoghol relattiv ghall-konsenja u stallazzjoni (ara f'dan is-sens invoice datata 10 t'April, 2013 annessa mal-affidavit ta' Joseph Schembri).

Illi jirrizulta, ghalhekk, illi fil-kaz odjern, ix-xoghol illi ghalih qieghed titlob il-hlas is-socjeta` rikorrenti huwa xoghol intellettwali kif miftiehem kostantement skont id-decizjonijiet hawn fuq riportati, ossija stallazjoni ta' 'devices' li jintuzaw fl-inginjerija kif inghad sabiex jirriducu l-konsum tal-elettriku. Minghajr ebda ombra ta' dubbju xoghol ta' dan it-tip huwa wiehed ta' natura intelletwali anke ai fini ta' preskrizzjoni.

Illi ghalhekk tali prestazzjoni da parti tas-socjeta` rikorrenti hija soggetta ghal-limitazzjoni stabbilita proprju fl-artikolu 2149 (c) fuq imsemmi.

Illi jirrizulta li, wara l-ilment tal-istess socjeta` intimata, ix-xogholijiet riparatorji fuq tali apparat gew konkluzi, anke skond il-verzjoni moghtija minn Joseph Schembri, f'Mejju tas-sena 2013:

> "*Electrofix wettqet ukoll Upgrade fuq il-Main distribution tal-istess Unit f'Marzu tal-2013 u fl-10 ta' April, 2013 kienet inharget l-invoice relattiva ghal dan ix-xoghol.*"

Illi skont l-istess Joseph Schembri l-ammont reklamat permezz tal-kawza odjerna jirrizulta minn 'invoice' sussegwenti datata 20 t'April, 2016 li rrevediet l-ammont inizjali indikat fl-'invoice' datata 10 t'April, 2013 ghal dak mitlub permezz ta' din il-kawza.

Illi huwa l-istess Joseph Schembri li jikkonferma li minkejja interpellazzjoni anke permezz ta' ittra legali s-socjeta' intimata qatt ma wettqet ebda pagament.

Illi min-naha taghha, ai fini tal-art. 2160 tal-Kodici Civili kif issa rivedut permezz tal-Att VIII tal-2017, Maria Brincat minn rajha permezz tal-affidavit taghha ikkonfermat illi hija m'hijiex debitrici tas-socjeta` attrici ghar-ragunijiet indikati fl-istess affidavit.

Illi jirrizulta illi minn dakinhar li harget l-'invoice' datata 10 t'April, 2013 ma saret ebda interpellazzjoni gudizzjarja sabiex tinterrompi t-trapass tal-periodu preskrittiv da parte tas-socjeta` rikorrenti u lanqas ma saret xi ammissjoni tad-debitu da' parte tas-socjeta` intimata tant illi l-ammont reklamat ghadu qed jigi kkunsidrat bhala wiehed mhux dovut minn din tal-ahhar. Il-hrug ta' 'invoice' aktar ricenti min-naha tas-socjeta' rikorrenti li rrevediet l-ammont u l-ittra legali m'ghandhom ebda effett fir-rigward tad-dekors tat-terminu preskrittiv tenut kont li l-azzjoni ghall-hlas setghet tittiehed minnufih wara li tlesta x-xoghol. L-azzjoni odjerna ittiehdet biss fis-17 ta' Novembru, 2016.

Ghalhekk, jidher illi l-azzjoni odjerna hija preskritta abbazi tal-Artuikolu 2149 (c) tal-Kap 16 u l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta intimata timmerita illi tigi akkolta.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta u jiddeciedi l-kaz billi jilqa' l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta intimata, jiddikjara l-azzjoni odjerna preskritta abbazi tal-Artikolu 2149 (c) tal-Kap 16, u ghalhekk jichad it-talbiet attrici bl-ispejjez tal-procedura odjerna jigu sopportati interament mis-socjeta` rikorrenti.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**